newsbook.com.mt

LOKALI

# Filmat: "Ieqfu użawna" - Studenti universitarji

*Charmaine Attard - 19/07/14 11:25 AM*

## "Ieqfu użawna" - Studenti Universitarji

from **NewsBook.com.mt** PRO

06:08

HD

Il-Kunsill Studenti Universitarji rċieva 300 ilment ieħor dwar ir-riżultati li għadhom ma waslux għand l-istudenti.

Il-KSU preparat filmat li fih inġabru l-problemi li qed jaffaċjaw l-istudenti universitarji.

Ilbieraħ f'konferenza tal-aħbarijiet, il-KSU qal li rċieva 50 telefonata u aktar minn 200 imejl b'ilmenti mill-istudenti li qed jaffaċċjaw problemi, wara li waqfu n-negozjati bejn l-unjins u l-Gvern, għar-reviżjoni tal-pagi.

Skont il-KSU, minn kampjun ta' 400 student, jirriżulta li 80% tal-istudenti qed ikunu affettwati.

Il-KSU temmen li għalkemm tifhem il-pożizzjoni tal-unjins li jridu jaqbżu għad-drittijiet tal-lekċerers, tisħaq

li f'dawn in-negozjati ħadd mhu qed jaqbeż għall-istudenti.

Uħud mill-istudenti affettwati jinsabu fuq ix-xwiek għax ma jafux hux se jkunu jistgħu jkomplu bl-istudji tagħhom, filwaqt li hemm il-possibbiltà li l-applikazzjonijiet tal-Erasmus+ jilħqu jagħlqu.

Filmat: KSU

**0 Comments** Newsbook Login

Sort by Best Share Favorite

Start the discussion…

Be the first to comment. Like

Subscribe Add Disqus to your site Privacy